# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

ĠUNJU 2019 – Ħarġa Nru: 171




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

# EKONOMIJA…

Le, mhux se nitkellem mill-ekonomija dinjija, lanqas dik tal-pajjiż imma "mill-ekonomija tal-ħin!" Illum, kulħadd jammetti li qed ngħixu f'dinja mgħaġġla u l-ħin tagħna jtir. Dan iwassal biex l-istress jikber sew! Ix-xogħol – ħafna drabi b'siegħat twal – ix-xift, is-sewqan, il-ġiri bit-tfal, l-appuntamenti... Ħafna jieklu bil-ħatfa, jorqdu mill-anqas... Il-week-end jgħadduh fit-tindif, fil-qadjiet, f'xoghol ieħor li ma jsibux ħin għalih matul il-ġimgħa...

Nistgħu ngħidu li l-parti l-kbira tal-familji daħlu f'rutina li mhix tħallilhom biżżejjed ħin la għall-mistrieħ, la għall-komunikazzjoni, la għar-riflessjoni u allura, lanqas ħin biex jibnu relazzjonijiet sodi u profondi ma' xulxin! U dan qed ikisser il-familji tagħna!

**X'nistgħu nagħmlu**

Importanti li l-ewwel nitilqu mill-prinċipji. Familja ma tistax iżżomm fuq saqajha jekk ma tibnix relazzjonijiet interpersonali bejn il-membri tagħha. U biex dan jagħmluh iridu l-ħin, l-ispazju u r-rieda!

Aktar ma se nintrikbu mir-rutina, inqas se jkollna ħin għal dan; aktar se nibnu relazzjonijiet artifiċjali. Bil-mod il-mod, nibdew nibirdu għal xulxin sakemm iwassluna għall-inkwiet li ħafna familji qed jiffaċċjaw illum.

**Ilkoll kemm aħna rridu nekonomizzaw il-ħin.** Jeħtieġ naraw, kemm bħala individwi kif ukoll bħala familja, x'nistgħu innaqqsu minn dak li hu artifiċjali u li nistgħu ngħaddu mingħajru, biex il-ħin li niffrankaw, ninvestuh f'ħin ta' kwalità bejnietna.

**Stranġieri**

Aħna m'aħniex robots. Ma nistgħux nibqgħu ngħixu taħt l-istess saqaf fit-tul jekk insiru stranġieri għal xulxin. Kulħadd irid jara hu x'jista' jnaqqas: mix-xogħol, mill-ħruġ, mill-ħin fuq il-media soċjali, minn ċerti kumditajiet li jġgħaluna naħdmu aktar minħabba fihom, minn xiri ta' oġġetti żejda...



Aktar ma nissimplifikaw il-ħajja, aktar nistgħu niffokaw fuq dak li hu essenzjali. Aktar ma nikkumuplikawha, anqas se jkollna ħin biex insaħħu r-relazzjonijiet bejnietna.

Tħoss għafsa kbira ta' qalb meta tisma' b'tant familji li qed jisseparaw: jgħaddu minn trawma kbira l-koppja u minn trawma akbar l-ulied, speċjalment jekk dawn ikunu għadhom żgħar. U kull trawma timmarkalna ħajjitna għal għomorna!

Jekk ħajjitna nissimplifikawha, imbagħad, jirnexxilna nsibu ħin għal Alla, għall-quddiesa tal-Ħadd, għall-ħin flimkien bħala koppja u bħala familja, għall-komunità...

Ipprova għamel dan l-eżami u ara x'tista' tnaqqas li jista' jkun żejjed f'ħajtek u investih f'relazzjonijiet ma' dawk ta' madwarek u tara kif tmur aħjar... kif il-ħajja ssir aktar pjaċevoli biex tgħixha.

***Dun Evan***

---

## Xi suġġerimenti biex il-miżżewġin isaħħu aktar ir-relazzjoni ta' bejniethom:

- Agħmlu lista ta' prijoritajiet ta' x'għandu jiġi l-ewwel, it-tieni eċċ;
- Araw x'tistgħu tnaqqsu mir-rutina li għandkom ħa torganizzaw ruħkom aħjar;
- Allokaw għaxar minuti kuljum filgħaxija waħedkom fejn titkellmu fuq kif sejrin bejnietkom: x'hemm tajjeb biex tapprezzawh u x'korrezzjoni tistgħu tagħtu lil xulxin;
- Spiċċaw dawn l-għaxar minuti b'talba: tistgħu tixgħelu xema', tieħdu silta qasira mill-Vanġelu u taħsbu ftit fuqha. Roddu ħajr 'l Alla flimkien għall-ġurnata li takom;



- Agħtu importanza lill-mistrieħ u anke lis-silenzju biex kemm il-moħħ kif ukoll il-ġisem ma jkunux għajjiena.

Dan kollu jiffaċilita l-komunikazzjoni bejnietkom li twassal għal relazzjoni aktar umana.

## L-EWWEL SIBT BI TĦEJJIJA GĦALL-FESTA TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA



**Il-Ħamis 4 ta' Lulju**: Fis-7.00pm ftuħ ta' WIRJA fis-santwarju dwar saċerdoti Żabbarin u dawk li ħadmu fil-parroċċa.

**Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju**: Fit-8.00pm tindaqq Mota Solenni mill-kampnari tas-santwarju u mill-knejjes filjali biex tħabbar l-Għaxar Sibtijiet ta' tħejjija.

**Is-Sibt 6 ta' Lulju**: Fis-5.50pm kurunella, kant tas-Salve Regina, Antifona u Barka Sagramentali. Fis-6.15pm quddiesa kantata. Jieħu sehem il-Kor Notre Dame. Fit-8.00pm *Lejla Maltija* organizzata mill-Grupp tal-Armar quddiem il-Mużew tas-Santwarju b'risq il-festa.
(Ikun xieraq li f'dawn il-jumejn jittellgħu l-bnadar fuq il-bjut)

# Kull festa għandha storja...
# CORPUS DOMINI



Il-festa proprja tal-Ewkaristija hija nhar Ħamis ix-Xirka. Għal snin twal, il-Knisja kienet tiċċelebra dan il-jum b'ferħ kbir. Mas-seklu XIII, permezz tal-Franġiskani, u l-aktar San Bonaventura bil-predikazzjoni tiegħu, bdiet tixtered id-devozzjoni qawwija lejn il-passjoni u l-mewt ta' Ġesù.

Dan wassal biex fil-purċissjoni bis-Sagrament, nhar Ħamis ix-Xirka filgħaxija, il-fidili bdew jaraw id-difna ta' Ġesù lejn il-qabar. Kien minn hawn li nibtet l-idea tas-"sepulkru". Fil-fatt, kienet titqigħed ostja f'kalċi li kien f'forma ta' pissidi, u dan kien jitgħatta b'biċċa għażel bajda marbuta b'qafla, biex ifisser "it-tkeffin" ta' Ġesù li mbagħad, kien jitqigħed f'kapsula li tirrappreżenta "l-qabar" ta' Ġesù.

**Ġrajjiet xejn sbieħ**

Dan ġara wkoll minħabba l-ġrajjiet imwegħra li kienet għaddejja minnhom id-dinja dak iż-żmien, speċjalment l-Ewropa meta laħqet il-qofol tagħha *l-Gwerra tal-Mitt Sena* (1337–1453), bil-guħ u t-tbatijiet li gwerra bħal din iġġib magħha. Barra minhekk, fl-Ewropa laħqet ukoll il-marda tal-pesta magħrufa bħala *l-Mewt is-Sewda* (1347–1351) li f'inqas minn sena, qerdet terz tal-popolazzjoni.

Biż-żmien, biex ma jittappanx il-ferħ li ġġib magħha l-festa tal-Ewkaristija, in-nies bdiet tfittex okkażjoni oħra, imbegħda minn Ħamis ix-Xirka biex tiċċelebra l-festa tal-Ewkaristija. Kien il-Papa Urbanu IV, imqanqal mill-miraklu li kien sar f'Bolsena fl-1264, ried li l-Knisja kollha tibda tiċċelebra l-festa ta' Corpus Domini, il-Ħamis wara l-festa tat-Trinità Qaddisa.

Il-Bolla ta' Urbanu IV tal-11 ta' Awwissu 1264, ma ssemmix purċissjonijiet, iżda ma għaddiex wisq żmien li dawn ma bdewx isiru b'solennità kbira. Kienu jieħdu sehem fihom mhux biss il-kleru iżda wkoll l-awtoritajiet kollha ċivili u militari tal-post, il-prinċpijiet kif ukoll folol kbar ta' nies.



URBANO IV

Għall-ewwel, l-Ewkaristija kienet tinġarr f'kalċi jew pissidi mgħotti, imma mbagħad, bdew isiru sferi u ostensorji ta' kull daqs u għamla.

**Tagħlim ċar**

Skont tradizzjoni antika li ilha mis-seklu XIV, kien San Tumas d'Aquino l-awtur tal-uffiċċjatura u l-quddiesa tal-festa ta' Corpus Domini. It-tliet talbiet tal-quddiesa: kolletta, super oblata (ta' fuq l-offerti) u l-post-communio (ta' wara t-Tqarbin), kif ukoll is-sekwenza *Lauda Sion* – li xi wħud isejħulha "l-Kredu tal-Ewakristija", ifissru b'mod ċar ħafna t-tagħlim ta' San Tumas dwar l-Ewkaristija. Din is-sekwenza, tfisser b'mod tassew tal-għaġeb u bi kliem li jifhmu kulħadd, it-tagħlim kollu tal-Knisja fuq l-Ewkaristija.

Għalhekk, meta nieħdu sehem fil-purċissjoni ta' Corpus Domini din is-sena, inżommu dan kollu f'moħħna.

## NILTAQGĦU NHAR … ĠUNJU 2019

**Sibt 1**: San Ġustinu, martri – Tifkira O. Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet.
**Ħadd 2**: **Is-Seba' Ħadd tal-Għid u l-Axxensjoni tal-Mulej fis-sema**.
**Tnejn 3**: San Karlu Lwanga u sħabu, martri tal-Uganda – Tifkira O
**Erbgħa 5**: San Bonifazju, isqof u martri – Tifkira O
**Ġimgħa 7**: *Is-Sette Giugno* – festa nazzjonali u pubblika. Quddies bħal nhar ta' xogħol. L-ewwel Ġimgħa tax-xahar.
**Ħadd 9**: **Solennità ta' Inżul l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli** – **Pentekoste**. Fl-10.15am Konċelebrazzjoni. Għaliha huma mistiedna l-kandidati li se jagħmlu l-Griżma tal-Isqof f'Novembru li ġej flimkien mal-ġenituri u l-parrini.
**Tnejn 10**: Marija Omm il-Knisja – Tifkira O
**Tlieta 11**: San Barnaba, appostlu – Tifkira O
**Ħamis 13**: Sant'Antnin ta' Padova, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Sibt 15**: Fil-5.30pm quddiesa bl-Ewwel Tqarbina. Il-quddiesa tal-5.00pm issir fis-sala Notre Dame.
**Ħadd 16**: **Solennità tat-Trinità Qaddisa**. Fl-10.00am u fil-5.30pm issir l-Ewwel Tqarbina.
**Ġimgħa 21**: San Alwiġi Gonzaga, reliġjuż – Tifkira O
**Ħadd 23**: **Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej** – **Corpus Domini**. Fil-5.30pm Konċelebrazzjoni u wara purċissjoni bis-SS.mu Sagrament. Niċċelebraw ukoll *Jum il-Missier*.
**Tnejn 24**: **Solennità tat-Twelid ta' San Ġwann il-Battista**
**Ġimgħa 28**: **Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**. Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni u wara purċissjoni bis-SS.mu Sagrament. Fid-dħul, Konsagrazzjoni tal-parroċċa lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u barka Sagramentali.
**Sibt 29**: **Solennità tal-Martirju tal-Appostli Pietru u Pawlu** – festa pubblika. Xieraq li nqaddsu dan il-jum bis-smigħ tal-quddies li jkun bħal nhar ta' xogħol.
**Ħadd 30: It-13-il Ħadd ta' matul is-sena.**

## ŻEWĠ RELIĠJUŻI LI ĦALLEWNA...



**Fr Maurice Caruana MSSP,** ħalla dan il-wied tad-dmugħ fit-28 ta' Marzu fl-età ta' 71 sena. Huwa kien għalliem fil-Kulleġġ ta' San Pawl, ir-Rabat u jagħti servizz fil-parroċċa tagħna għal numru ta' snin bil-quddiesa tal-Ħadd kif ukoll bħala Direttur Spiritwali tal-Legion of Mary. Il-funeral tiegħu sar fis-santwarju tagħna.



**MADRE LUIGIA ta' Kristu Rè** (Michelina Cucciardi), li mietet fil-11 ta' Mejju fl-età ta' 84 sena. Qabel ma daħlet fil-klawsura hija kienet għalliema. Hija kienet għal numru kbir ta' snin bħala superjura tal-Monasteru ta' Santa Margerita, Bormla. Il-funeral tagħha sar fil-kappella tal-istess Monasteru.

**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Fr. Maurice Caruana (71), Jesmond Zammit (47), Valene Piscopo (47), Felix Lia (82), Joseph Micallef (70), Joseph Chetcuti (58), John Mary Briffa (73), Charmaine Grech (33), Mary Costa (69), Mary Debrincat Portelli (59), Maria Stella Caruana (87), Evangelista Camilleri (83), Ġużeppi Cachia (82), Joseph Agius (83), Graziella Mallia (53), Fallon Mallia (31), Mario Vella (64), Spiridione Scicluna (73), Maria Konċetta Grech (87), Giovanna Vella (89), Maria Magro (87), Ċettina Vella (93), Antonia Azzopardi (52).